# Ittra lill-Kommunità Parrokkjali taż-Żejtun

Novembru 1985 Nru 16



Nixtiequ liż-Żwieten kollha festa mill-isbaħ

BQT
3412
.Z453
C365
1985

Għeżież,

Din hi l-ewwel darba li se naqsam magħkom il-festa ta' Santa Katarina. Ġa naf bl-imħabba kbira li għandkom lejn il-qaddisa patruna tagħna. Li nixtieq hu li din l-imħabba tidher fil-ħajja tagħna ta' kuljum. U dan hu l-iskop tal-festa li sejrin nagħmlu, biex nitgħallmu nħobbu lil Santa Katarina bil-ħajja tagħna. Ma nistax ngħid li nħobb lil Santa Katarina, mbagħad nittraskura l-quddiesa tal-Ħadd, il-qrar u t-tqarbin, niddejjaq nitlob, noffendi 'l Alla bi kliemi, nobgħod u ma rridx naħfer, nagħmel id-deni lill-proxxmu, nħobb id-dnub...

Ħuti, dan li tixtieq minna lkoll, Santa Katarina, li nersqu lejn Ġesù li tant kienet tħobb.

Ejjew nagħmlu festa sabiħa – iżda ejjew nuruha li aħna nħobbuha tassew mhux bil-kliem biss iżda bil-ħajja tagħna.

Illum qed ngħixu f'dinja fejn is-safa qed tkun imkasbra. Santa Katarina tgħallimna nkunu bħalha safja fil-ħsibijiet, fil-kliem u fl-imġieba tagħna.

Santa Katarina tgħallimna biex bħalha ma għandna qatt nistħu nuru li aħna nsara, li nemmnu fi Kristu u nkunu lesti li nbatu għalih, li nkunu sodi fit-tagħlim tal-Vanġelu, li naħdmu biex Ġesù jkun magħruf u maħbub minn kulħadd. Għax Hu jħobbna, jridilna l-ġid, jagħtina l-ferħ u l-paċi tal-qalb.

Ejjew nagħmlu festa sabiħa lil Santa Katarina billi nattendu għall-funzjonijiet biex insiru nafu aktar fuqha.

Ejjew nagħmlu festa sabiħa billi nifirħu flimkien qalb waħda, bħala familja waħda, bħal ilkoll Żwieten. Ikun il-ferħ tagħna ferħ nisrani, ferħ li jogħġob lill-qaddisa maħbuba tagħna.

Ejjew nersqu lejn Santa Katarina u hi tressaqna lejn Ġesù. U fejn hemm Ġesù hemm il-għaqda, l-imħabba, l-paċi, s-safa, l-ħlewwa, s-sabar...

Għan-nom ta' sħabi s-saċerdoti u tiegħi nixtieq lil kulħadd festa sabiħa, festa nisranija, festa ta' ferħ.

Santa Katarina tberikna lkoll.

***Dun Ġużepp Theuma.***

## Tajjeb li tkun taf

- Għall-okkażżjoni tal-Festa, l-kommunità Parrokkjali tħossha fid-dmir li tgħin lil xi ħadd li hu fil-bżonn. Din is-sena – s-sena taż-Żgħażagħ ħsibna li nagħmlu offerta mill-ġbir tal-festa lill-CARITAS li qegħdha taħdem favur id-drogati u kontra l-vizzju tad-drogi. Min jixtieq jagħti xi offerta wkoll jista' jagħtiha lill-Arċipriet. Ħaġa sabieħa wkoll li xi ħadd flok bukkett ta' fjuri quddiem l-istatwa jagħti l-offerta ta' flus għal dan il-għan nobbli.

- Agħti sehem għall-festa sabiħa billi:
(a) fuq kollox u qabel kollox, kun ħabib ma' Alla, fil-paċi ma' kulħadd u ersaq biex tqerr u titqarben, bidu ta' ħajja aħjar kif tixtieq Santa Katarina (b)kun preżenti għall-funzjonijiet li se jsiru fil-knisja (c)żomm għaqda, mħabba u ferħ nisrani fil-marċijiet (d)tixgħel il-gallerija u żejjen xi xbiha ta' Santa Katarina.

- Il-Ħamis, il-Ġimgħa u s-Sibt ser ikollna fostna l-patrijiet kapuċċini għall-Qrar. Tinsiex.

- Il-festa ta' S. Katerina fiż-żona ta' S. Girgor sa tiġi ċċelebrata fit-22ta' Novembru. Ikun hemm funzjonijiet lejliet u nhar il-festa.


### H.B. RENTALS. ROSS. GALEA ENT.
39, Gregorio Bonnici Sqr., Żejtun.
Direct Music Inc.
Recording Studios – Prof. Demos of Records – Cass. or Reel.
Video Rentals.

### OUR'S
Luqa Briffa Str., Żejtun
Issibu għażla kbira ta' buttuni, bokkli, motives u kull xorta ta' trimmings għall-ħjata... ħwejjeġ u żraben għal kulħadd.

Il-Kommunità Parrokkjali taż-Żejtun tifraħ
billi tagħti ġieħ lill-Santa Katarina, Verġni u Martri

# PROGRAMM TAL-FESTA 7 – 17 TA' NOVEMBRU 1985

**IL-ĦAMIS, 7 ta' Novembru:**
6.30p.m. Quddiesa.
Wara l-quddiesa ssir siegħa Adorazzjoni biex il-festi li se nagħmlu jkunu ta' qawmien spiritwali fil-parroċċa. Imexxi l-Arċipriet. Kulħadd mistieden b'mod speċjali l-membri kollha ta' l-Għaqdiet ta' l-appostolat.

**IL-ĠIMGĦA, 8 ta' Novembru:**
6.30p.m. Quddiesa minn Fr. René Vella, Direttur Djoċesan ta' l-Abbatini. Fil-quddiesa ssir il-Vestizzjoni. Mistiedna l-ġenituri ta' l-abbatini.

**IS-SIBT, 9 ta' Novembru:**
4.15p.m. Ċelebrazzjoni Kommunitarja tas-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Wara jibda l-Qrar. Quddies fil-5.30 u fis-6.30p.m.

**IL-ĦADD, 10 ta' Novembru:**
**Omelija:** Għalfejn se nagħmlu l-festa? Xi tfisser il-festa għalina?
11.15a.m. Ħruġ ta' l-istatwa min-niċċa. Wara jitkanta l-Innu, talb u diskors mill-Arċipriet.
Il-Quddiesa tal-11.00a.m. illum toħroġ fl-10.30a.m.

**IT-TNEJN, 11 ta' Novembru:**
**Ċelebrazzjoni għat-Tfal.** Fis-6.00p.m. Quddiesa minn Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca.
Magħhom iġibu xi toys jew affarijiet ta' l-ikel biex nagħtuhom lit-tfal li jgħixu fid-djar tal-Knisja.

**Ċelebrazzjoni għaż-żgħażagħ.** Fis-7.00p.m. Laqgħa ta' kant, mime u esperjenzi miż-żgħażagħ fl-Oratorju.

**IT-TLIETA, 12 ta' Novembru**
**Ċelebrazzjoni għall-Morda u Anzjani**
6.00p.m. Quddiesa minn Dun Joe Bugeja, Kappillan ta' Stella Maris, ex-Arċipriet tal-parroċċa tagħna.
7.30p.m. Programm Vokali u Mużikali miż-Żejtun Band fil-knisja.

**L-ERBGĦA, 13 ta' Novembru, l-ewwel Jum tat-Tridu**
Fil-5.30p.m. Għasar bil-Malti. Quddiesa minn Fr. John Curmi MSSP, saċerdot novell. Innu, Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Jippriedka Patri Vinċenz Portelli, Dumnikan.

**IL-ĦAMIS, 14 ta' Novembru, t-tieni Jum tat-Tridu**
Fil-5.30p.m. Kollox bħal jum ta' qabel. Iqaddes Dun Ġużepp Desira.

**IL-ĠIMGĦA, 15 ta' Novembru, t-tielet Jum tat-Tridu**
Fil-5.30p.m. Kollox bħal jum ta' qabel. Iqaddes Fr. Joe Fenech.

**IS-SIBT, 16 ta' Novembru, lejlet il-Festa**
Fit-8.00a.m. Quddiesa Kantata, Te Deum u Antifona. Jiffunzjona Mons. Pataleone Orland.
Fil-5.00p.m. Translazzjoni Solenni minn Mons. Dun Karm Zammit.
Għasar u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
Fis-6.30p.m. Quddiesa Konċelebrata mill-Arċipriet Kan. Dun Ġużepp Theuma u l-kleru tal-Parroċċa.
Fis-7.30p.m. Quddiesa minn Dun Ġorġ Zammit.

**IL-ĦADD, 17 ta' Novembru, Jum il-Festa**
Il-Quddies tal-ħin ikun fil-5.00, 6.00, 7.00 u 11.30a.m.
Fit-8.00a.m. Quddiesa Konċelebrata.
Fid-9.00a.m. Is-Saċerdoti jinġabru fl-Oratorju u jħejju ruħhom għall-Quddiesa bit-talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.
Fid-9.30a.m. Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Arċipriet. Jagħmel il-Paniġirku Mons. John Bosco Gauci.

Fl-4.30p.m. Għasar Solenni, Purċissjoni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika minn Mons. Dun Karm Zammit.
Fis-6.30p.m. jkun hemm quddiesa fl-Oratorju.

Il-Kor tal-Parroċċa jkun taħt id-direzzjoni ta' l-organista s-sur Joe Caruana.
Il-Mużika tkun diretta mis-Surmast Frankie Diacono.

# Sehem il-Baned fil-ġranet tal-Festa

**L-ERBGĦA, 13 ta' Novembru**
Marċ organizzat mill-Każin tal-Banda Żejtun.

**IL-ĦAMIS, 14 ta' Novembru**
Marċ mill-Banda Żejtun.

**IL-ĠIMGĦA, 15 ta' Novembru**
Marċ mill-Banda Beland.

**IS-SIBT, 16 ta' Novembru**
Fis-7.30p.m. Marċi mill-Banda Beland u Żejtun Band.
Wara programmi mużikali miż-żewġ Baned. Jieħu sehem il-Kor Parrokkjali.

**IL-ĦADD, 17 ta' Novmebru**
Fid-9.00a.m. Marċ miż-Żejtun Band.
Fis-1.00p.m. Marċ mill-Banda Beland.
Mill-4.30p.m. Marċi u Programmi mill-Baned S. Katarina taż-Żurrieq, Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, u Konti Ruġġieru tar-Rabat.

---


BUHAGIAR'S
Ladies, Gents & Children's Wear
89, Triq Santa Katarina, Żejtun.

ĠENWIŻA CONFECTIONERY
Jos. Bonnici
25, Triq il-Madonna tad-Duluri, Żejtun. Tel: 882054

J. BROWNRIGG INSTALLATIONS CO. LTD.
Palazzi Street, Żejtun. Tel: 878412

J. MONTEBELLO LTD.
Importaturi ta' Għodod, Ħġieġ, Żebgħa u materjal ieħor għall-bini tad-djar.
8. Misraħ Diċembru Tlettax, Żejtun. Tel: 882047

E. AQUILINA
Gold and Silver Smith
Xogħol fuq tiswijiet
54, St. Mary Street, Żejtun – wara l-Knisja ta' Santa Marija.

# Logħob tan-nar fil-ġranet tal-Festa

**IL-ĦADD, 10 ta' Novembru**
Wara l-Ħruġ tal-vara min-niċċa, kaxxa infernali u murtaletti.

**IS-SIBT, 16 ta' Novembru**
Waqt it-Te Deum ħruq ta' kaxxa nfernali u murtaletti.
Fit-translazzjoni (5.00p.m.) Ħruq ta' beraq, murtali tal-kulur u kaxxa nfernali.
Fil-11.00p.m. Logħob tan-nar f'Misraħ Diċembru Tlettax.

**IL-ĦADD, 17 ta' Novembru**
Fil-ħruġ tal-purċissjoni, salut u kaxxa nfernali.
Fit-8.30p.m. ħruq ta' murtaletti u murtali tal-kulur.
Fid-dħul tal-purċissjoni ħruq ta' kaxxa nfernali.

---


## MIFSUD PHOTO STUDIO
Prop. Jos. Mifsud, 70 Republic Sqr.
Tel: 878766

## CASSAR STORE
Washing Machines Velomatic, Fridges Bauknecht, Ligmar Cookers, u Rigali.
18, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Żejtun. Tel: 878319

## CARUANA BROS.
Ironmongery
108, Luqa Briffa Str., Żejtun. Tel: 878660
Bathroom Fittings and Stanley goods.

## PAJKA BLACKSMITH
Ħadid, Ferro Battuto, Twieqi, Bibien, u Gallarijiet u xogħol tal-aluminium.
105, St. Mary Street, Żejtun. Tel: 808133

## GATT BROS.
Ironmongery
"Lyvia" St. Catherine Street, Żejtun. Tel: 882069

## BARGAIN SHOPPING CENTRE
190, St. Angelo Str., Żejtun
(Faċċata tal-fabbrika ta' Pace)
Issibu l-oġġetti kollha essenzjali għall-ħajja.
Għall-okkażjoni tal-Festa: Roħs Speċjali.

## RAYLIN ALUMINIUM

Architectural Apertures, Sliding doors, Windows, Louvres, Shopfronts and polished Aluminium.
Factory: 25th November Street, Żejtun. Tel: 808691

## VANDAN CONFECTIONERY

Tiġien, riċevimenti, Magħmudijiet, Griżmi u Preċetti.
Ħanut: 29, Pjazza Girgor Bonnici. Forn: 14 Triq il-Kostituzzjoni, Żejtun.
Tel: 878670

## ROGER'S BAKERY

Accepts orders for: Weddings, Parties etc. and Cheese cakes daily
Tel: 878403

## DENNIS IRONMONGERY

General Home and Household Goods.
Triq il-Qadi, Housing Estate, Żejtun.
Dealer for: Optimax Antenna System Airials, Boosters, Cables, Accessories.
Also hires for concrete mixers, petrol or electric.

**Nirringrazzjaw lid-ditti li taw l-għajnuna tagħhom għal dan il-fuljett.**

## Grazzi

**Lil dawk kollha li jieħdu ħsieb it-tindif u t-tiżjin tal-knisja**
**Lil dawk li jieħdu ħsieb in-nar, it-tiżjin u l-armar tat-toroq**
**Lil dawk li taw l-offerta għall-festa**
**Lil dawk li jgħinu għall-okkażżjoni tal-festa**
**Lil dawk li joffru t-talb u s-sagrifiċċji biex il-festa tirnexxi u tkun ta' ġid.**

Ritratt tal-faċċata: L-istatwa ta' Santa Katarina